# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 16 ta' Jannar 2002**

**Avviz. numru 866R/99**

**Numru 21**

**Michael Curmi u Deirdre Caruana**

**vs**

**Dipartiment ta' l-akkomodazzjoni Socjali**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremettew:

1. illi r-rikorrenti gew notifikati b'dikjarazzjoni guramentata ghall-fini ta' talba skond l-artikolu 466 tal-kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili maghmula mid-direttur tad-dipartiment intimata, kopja ta' liema dikjarazzjoni tinsab annessa mar-rikors u mmarkata dokument A.

2. illi permezz tad-dikjarazzjoni premessa d-dipartiment intimat iddikjara illi r-rikorrenti huma debituri tieghu fis-somma ta' mija tlieta u

erbghin Lira Maltija disgha u hamsin centezmu (Lm143.59) dovuti, skond hu, bhala rifuzjoni fuq il-post 3, Alley 4, St. James Street, Siggiewi.

3. illi r-rikorrenti ma humiex debituri tad-dipartiment intimat fis-somma mitluba.

4. illi r-rikorrenti kienu ssellfu minghand id-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni socjali somma flus sabiex ikunu jistghu jixtru dar. Dan is-self sar skond skema b'rati sussidjati minghand id-dipartiment.

5. illi effettivament d-dipartiment qieghed jitlob rifuzjoni tas-sussidju li kien ta' lir-rikorrenti. Ir-rikorrent jissottometti bir-rispett li din it-talba ma hijiex gustifikabbli legalment u ghalhekk ghandha tigi michuda.

6. illi ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li s-somma mitluba mid-dipartiment intimata ma hijiex dovuta mir-rikorrenti, u tiddikjara ghalhekk bla ebda effett fil-ligi d-dikjarazzjoni maghmula mid-dipartiment intimata kif fuq inghad.

7. Bl-ispejjez kontra id-dipartiment intimat.

Ra r-risposta tad-Dipartiment intimat (fol 5 tal-atti) li biha espona:

1. Illi r-rikorrenti kienu hadu sussidju fuq l-imghax ta' somma mislufa lilhom mill-intimati, sabiex huma jixtru post ghall-skopijiet residenzjali taghhom, li dan skond skema mahruga mid-dipartiment li kopja taghha hija annessa mar-risposta bhala dokument "A".

2. Illi r-rikorrenti tilfu d-dritt ghal dan is-sussidju u huma obligati jirritornaw kull sussidju li hadu peress li kisru il-kundizzjonijiet tal-iskema.

3. illi bhala dokument "B" gie anness ittra ta' Deirdre Caruana li tindika:

(a) illi l-gherusija taghha ma Michael Curmi kienet giet mitmuma;

(b) illi d-dar mixtrija qed tintuza ghall-skopijiet ta' lucru u li;

(c) il-kuntratt juri sotto valutazzjonijiet tal-prezz, ovjament ghall-skopijiet malizjuzi, peress illi l-koppja ma kienetx tibbenifika mill-iskema kieku intwera il-prezz veru taghha.

4. illi gie anness bhala dokument "C" ukoll ittra ta' Michael Curmi li permezz taghha obbliga ruhu li hallas l-ammont ta' Lm347.18 f'pagament ta' Lm30, il-wiehed. Hu fil-fatt beda jwettaq dan l-obbligu, li gie accettat mill-intimati, biex issa kien fadal il-hlas ta' bilanc ammontanti ghal Lm143.59.

5. illi ghalhekk dan id-debitu gie accettat mir-rikorrenti u partikolarment minn Michael Curmi permezz tal-imsemmija ittra Dok "C" li fiha hu obbliga ruhu li jhallas l-ammont hemm indikat.

Illi ghalhekk id-debitu hu wiehed cert u dovut - anzi id-Dipartiment sejjer ukoll jiehu dawk il-passi ohra necessarji skond il-ligi.

Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ma ghandiex tigi milqugha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-atti tal-kawza ir-rikorrenti ma ssottomettew ebda prova (ara fol 29 sa fol 32 tal-atti) in sostenn tar-rikors in esami liema rikors hu pjuttost nieqes minn ragunijiet dwar ghaliex l-ammont imsemmi fl-istess rikors ma hux dovut mir-rikorrenti lill-intimat.

Illi l-intimat, da parti tieghu ssottometta provi sabiex jissostanzja dak mitlub minn specifikatament ix-xhieda ta' Leonard Zerafa (fol 24 u 25 ibid) kif ukoll diversi dokumenti (minn fol 7 sa fol 20 tal-atti markati Dok "A" Dok "B" u Dok "C").

Illi a basi tal-premess jidher evidenti li t-talbiet kif dedotti mir-rikors in esami ma jistghux jigu akkolti

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talbiet in esami bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.

Alan Calleja
Deputat Registratur